**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 701/2014/1**

**Joseph Briffa (98745M), Tarcisio Briffa (763353M), u Maria Concetta Doneo (265352M)**

**vs**

**Setra Trading Limited (C-54963)**

**Illum 17 ta' Mejju 2018**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti huma kredituri tal-intimata fis-somma ta' erbatax-il elf Ewro (€14,000), oltre l-imghaxijiet legali, kera dovut ghall-perjodu mill-15 ta' Novembru 2012 sal-15 ta' Awwissu 2014, fuq porzjoni art fi triq Filippu Farrugia, Zurrieq, skond kuntratt tat-12 ta' Gunju 2012.

2. Illi l-esponenti talbu kemm-il darba lill-intimata biex thallas, izda minkejja li taccetta li huma dovuti, is-socjetà intimata sal-lum baqghet ma hallsitx dan l-ammont.

3. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn jaf l-esponenti, l-intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

(ii) tikkundanna lill-intimata thallas lill-esponenti s-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000), dovuti minnha bhala kera ghall-perjodu mill-15 ta' Novembru 2012 sal-15 ta' Awwissu 2014, fuq porzjoni art fi triq Filippu Farrugia, Zurrieq, skond kuntratt tat-12 ta' Gunju 2012 kif fuq inghad, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tad-19 ta' April 2013 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1132/2014, kontra l-intimati li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra wkoll ir-risposta guramentata tas-socjetà intimata li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti rationae materiae milli tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza, a tenur tal-artikolu 1525 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-iskrittura tat-12 ta' Gunju 2012 hija nulla u minghajr effett, a tenur tal-artikolu 1531A tal-Kodici Civili.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi krew fond lis-socjeta' eccipjenti ghall-uzu bhala parkegg meta l-istess fond ma kienx adibit mill-permessi, licenzji u awtorizzazzjonijiet mehtiega ghal dak l-uzu.

4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut, u jinkombi fuq l-istess atturi li jippruvaw il-kuntrarju.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, u bl-ingunzjoni tal-istess atturi ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull dritt t'azzjoni spettanti lis-socjeta' konvenuta kontra l-istess atturi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra d-digriet tal-Qorti Civili Prim Awla fir-Rikors numru 701/2014 tas-16 ta’ Marzu 2016.

Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fir-Rikors numru 1168/2014 tat-02 ta’ Marzu 2018.

Ra li l-kawzi thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f’din il-kawza ir-rikorrenti qed jitolbu l-hlas tal-arretrati tal-kera u l-imghax skont il-ligi.

Is-socjeta’ intimata teccepixxi (1) l-inkompetenza rationae materiae, u (2) n-nullita’ tal-iskrittura ta’ lokazzjoni, u (3) t-talbiet infondati fil-fatt u fid-dritt u (4) l-ammont mhux dovut.

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari gew decizi bid-digriet tal-Prim Awla u s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fuq imsemmija u ghalhekk il-Bord mhux se jidhol ulterjorment fihom.

Illi fil-mertu t-talba tar-rikorrenti giet pruvata permezz tal-Affidavit ta’ Joseph Briffa a folio 25 tal-process tar-Rikors quddiem il-Prim Awla u ai termini tal-iskrittura privata esebita mar-rikors promotur markat JB2 a folio 5 tal-process.

Illi is-socjeta' intimata bl-ebda mod u manjiera ma ressqet provi li jikkontradixxu u jirribattu t-talba tar-rikorrenti fil-mertu. Fil-fatt ix-xhieda ta' Giuseppe Trapani a folio 48 tal-istess process ma timpingix fuq it-talba fil-mertu tal-kawza. Illi pero huwa jesebixxi wkoll kopja tal-iskrittura privata Dok MB a folio 50 tal-process, li hija l-istess bhal dik esebita mir-rikorrenti, u jaqbel li dik hija l-iskrittura privata vigenti bejn il-partijiet. Illi skond l-istess skrittura fil-paragrafu 3 l-i"spejjez kollha nvoluti inkluz permessi a spejjez u a karigu tal-inkwilin" u ghalhekk it-tielet eccezzjoni tas-socjetà intimata ma tistax tigi milqugha.

Illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti wkoll ma gie kontradett u ribattut mis-socjeta' intimata bl-ebda mod.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord filwaqt illi jiddikjara l-ewwel talba tar-rikorrenti ghad-dispensa tas-smiegh sorvolata bit-trapass taz-zmien sakemm saret in-notifika tal-kontroparti, qieghed jilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata komprizi dawk tal-ittra legali tad-19 t'April 2013 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1132/2014 kontra s-socjeta' intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur